

Brussell, 19 ta' Frar 2026
(OR. en)

6516/26

TRANS 86

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Rapport fil-punt nofsani dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq
----------	--

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 77 final.

Mehmuż: COM(2026) 77 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.2.2026
COM(2026) 77 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport fil-punt nofsani dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-
Sikurezza fit-Toroq**

{SWD(2026) 33 final} - {SWD(2026) 34 final} - {SWD(2026) 35 final} -
{SWD(2026) 36 final} - {SWD(2026) 37 final} - {SWD(2026) 38 final} -
{SWD(2026) 39 final} - {SWD(2026) 40 final} - {SWD(2026) 41 final} -
{SWD(2026) 42 final} - {SWD(2026) 43 final} - {SWD(2026) 44 final} -
{SWD(2026) 45 final} - {SWD(2026) 46 final} - {SWD(2026) 47 final} -
{SWD(2026) 48 final} - {SWD(2026) 49 final} - {SWD(2026) 50 final} -
{SWD(2026) 51 final} - {SWD(2026) 52 final} - {SWD(2026) 53 final} -
{SWD(2026) 54 final} - {SWD(2026) 55 final} - {SWD(2026) 56 final} -
{SWD(2026) 57 final} - {SWD(2026) 58 final} - {SWD(2026) 59 final}

1. INTRODUZZJONI

Kull sena, it-toroq tal-UE jaħsdu kważi 20 000 ħajja – numru devastanti li ma huwiex sempliċement statistika, iżda realtà li tħalli familji mkissrin, komunitajiet innikkta u tara l-ħela ta' potenzjal uman bla qies għal dejjem. Sa ħames darbiet aktar nies – 100 000 individwu – iġarrbu korrimenti fit-toroq li jbiddu b'mod fundamentali l-perkors ta' ħajjithom. Dawn il-korrimenti li jibdlu l-ħajja ta' persuna spiss ifissru diżabbiltà permanenti, uġiġħ kroniku u għajxien mitluf; dawn għandhom impatti profondi fuq il-kwalità tal-ħajja li jestendu ferm lil hinn mill-vittmi immedjati għall-familji, għall-indokraturi, u għal networks soċjali usa'.

Il-kost uman tal-kolliżjonijiet fit-toroq kien l-aktar dimensjoni viżibbli u traġika. Iżda hemm ukoll il-piż ekonomiku tal-ħabtiet fit-toroq; f'termini monetarji, il-kost tal-ħabtiet fit-toroq fl-UE ġie stmat għal 2 % tal-prodott domestiku gross (PDG) kull sena¹. Dawn ir-riżorsi setgħu kieku jintużaw biex jixprunaw l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u investimenti pubbliċi kruċjali oħra. Is-sikurezza fit-toroq għandha tkun pilastru tal-kompetittività ekonomika tal-UE peress li tinfluwenza direttament il-moviment effiċjenti tal-merkanzija u tal-ħaddiema u l-kostijiet operatorji tan-negozji fis-setturi kollha.

It-tranżizzjoni lejn mobbiltà aktar sikura u aktar sostenibbli hija essenzjali wkoll biex jinżammu t-tmexxija industrijali u l-kompetittività tal-UE fis-swieq globali². Il-manifatturi Ewropej tal-karozzi u n-networks tal-fornituri tagħhom huma fuq quddiem nett fl-iżvilupp ta' teknoloġiji avvanzati ta' sikurezza, minn sistemi ta' bbrejkjar ta' emerġenza awtonomu għall-konnettività tal-vetturi, li jpoġġu lill-UE bħala mexxejja globali fl-innovazzjoni tas-sikurezza tal-karozzi. L-impenji għas-sikurezza fit-toroq mhux biss isalvaw il-ħajjiet iżda wkoll jixprunaw il-progress teknoloġiku, joħolqu impjiegi b'livell għoli ta' ħiliet, u jżommu l-vantaġġ kompetittiv tal-UE fis-suq globali tal-karozzi li qed jevolvi malajr. L-investimenti fis-sikurezza fit-toroq jikkontribwixxu wkoll għall-preparatezza u r-reżiljenza tal-UE billi jissalvagwardjaw il-kontinwità u l-affidabbiltà tal-infrastruttura kritika tat-toroq u tas-servizzi relatati, b'mod partikolari fejn il-kuraturi u n-nodi tat-triq jappoġġaw kemm il-ħtiġijiet ċivili kif ukoll dawk ta' difiża.

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati bis-sħiħ għas-sikurezza fit-toroq. Fil-livell tal-UE, dan ġie rifless – l-aktar reċenti – fil-Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030³, li tenna l-għanijiet komuni li l-imwiet fit-toroq u l-korrimenti serji jitnaqqsu bin-nofs sal-2030⁴ u li tinkiseb “Viżjoni Żero” – biex nersqu

¹ Manwal tal-KE dwar il-kostijiet esterni tat-trasport 2019 (il-verżjoni l-ġdid għadha se toħroġ).

² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew, COM/2025/95 final tal-5 ta' Marzu 2025, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025DC0095>.

³ COM (2018) 293: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Ewropa Attiva – Mobbiltà Sostenibbli għall-Ewropa: Sikura, Konnessa u Nadifa, l-Anness I tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Ewropa Attiva – Mobbiltà Sostenibbli għall-Ewropa: Sikura, Konnessa u Nadifa, l-Anness I, COM(2018)293 tas-17 ta' Mejju 2018, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52018DC0293>.

⁴ Minn dak iż-żmien ġie deċiż li s-sena bażi, li minnha jitkejjel il-progress, se tkun l-2019.


lejn il-punt li l-imwiet fit-toroq jiġu eliminati sal-2050. Sabiex jilhqun dawn l-għanijiet, l-Istati Membri adottaw u implimentaw strateġiji nazzjonali, pjanijiet ta' azzjoni u espressjonijiet oħra ta' impenn bħal ftehimiet interministerjali u strutturi ta' kooperazzjoni federali.

Il-Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030 segwa l-oqsma ta' prijorità ewlenin tal-approċċ tas-Sistema Sikura, inklużi toroq u għub tat-toroq aktar sikuri, vetturi aktar sikuri, użu aktar sikur tat-toroq, rispons aħjar wara l-ħbit, u għbir u analiżi aħjar tad-data. Dan enfażizza l-importanza kritika li jiġu indirizzati l-fatturi ta' riskju ewlenin – is-sewqan b'veloċità eċċessiva, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, id-distrazzjoni, u n-nuqqas ta' użu ta' tagħmir protettiv – filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-utenti vulnerabbli tat-triq bħall-persuni bil-mixi, iċ-ċiklisti, u l-motoċiklisti.

Din il-komunikazzjoni hija rapport ta' nofs it-terminu dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tas-sikurezza fit-toroq tal-UE, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi mill-2019, jiġu identifikati l-isfidi emerġenti li ma kinux antiċipati bis-sħiħ mill-qafas oriġinali u tissuġġerixxi aġġustamenti biex jiġi żgurat li l-UE tibqa' fit-triq it-tajba biex tilħaq l-objettivi tagħha għall-2030. L-analiżi tagħha tiżvela progress inkoraġġanti f'xi oqsma iżda tindika wkoll xi lakuni sinifikanti li jirrikjedu attenzjoni immedjata u azzjoni msaħħa biex jiġu salvati l-ħajjiet, jitnaqqas il-piż ekonomiku, u tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE.


1.1. PROGRESS LEJN L-ILĦUQ TAL-MIRI TAS-SIKUREZZA FIT-TOROQ

L-aktar data reċenti turi li fl-2024 mietu 19 900 persuna f'ħabtiet fit-toroq fl-UE. Dan ifisser li jintilfu 440 ħajja inqas milli fl-2023 - tnaqqis ta' 2 %⁵. Minħabba ż-żieda fl-għadd ta' vetturi għal kull persuna u fl-għadd ta' kilometri misjuqa, din hija kisba sinifikanti iżda tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' sforzi sostnuti fil-livelli kollha.



⁵ Filwaqt li dan jirrappreżenta progress, it-trajettorja ġenerali hija ferm inqas mit-tnaqqis annwali ta' 4,6 % meħtieġ biex tintlaħaq il-mira tal-2030 li l-imwiet fit-toroq jitnaqqsu bin-nofs.

Illustrazzjoni 1 Xejriet fl-għadd ta' fatalitajiet u miljuni ta' karożżi tal-passiġġieri fl-UE 2010-2023. Sorsi: Il-bażi tad-data EU CARE dwar il-ħabti fit-toroq; għad-data dwar il-karożżi tal-passiġġieri, Eurostat (kodiċi tad-data online [road eqs carage](#))





Illustrazzjoni 2 Xejriet fl-għadd ta' fatalitajiet u biljuni ta' kilometri misjuqa mill-karozzi tal-passiġġieri fl-UE 2010-2023. Sorsi: Il-bażi tad-data EU CARE dwar il-habriet fit-toroq; għad-data dwar il-kilometri-karozzi tal-passiġġieri, Eurostat (kodiċi tad-data online [road_pa_mov](#))

Mis-sena bażi tal-2019, l-imwiet fit-toroq naqsu bi 12 % madwar l-UE, iżda dan it-titjib jaħbi differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri. Ftit Stati Membri biss – il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, u s-Slovenja – bħalissa jinsabu fit-triq it-tajba biex jilħqu l-mira ta' tnaqqis ta' 50 % għall-2030. Xi Stati Membri, inklużi l-Irlanda u l-Estonja, esperjenzaw żidiet fil-fatalitajiet fit-toroq filwaqt li oħrajn bħal Franza, l-Italja u n-Netherlands raw biss titjib marġinali. Fl-2024, ir-rata ta' fatalità varjat minn 20 mewta għal kull miljun abitant fl-Iżvezja għal 78 għal kull miljun fir-Rumanija.

Sabiex tifhem aħjar dawn ix-xejriet, il-Kummissjoni ħadmet mal-Istati Membri biex issegwi l-prestazzjoni tagħhom fuq indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni relatati mas-sikurezza fit-toroq. Dawn il-proġetti, Baseline⁶ u Trendline⁷ pproduċew informazzjoni dwar il-fatturi assoċjati mar-riskji ta' habriet u ta' korriment u żvelaw differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi. Ara t-Taqsima 2, hawn taħt.


⁶ <https://baseline.vias.be/en/about-the-project>.

⁷ <https://trendlineproject.eu/>.



Illustrazzjoni 3 Tqassim tal-imwiet fit-toroq tal-UE skont il-ġeneru u l-gruppi ta' età, 2023. Sorsi: Il-bażi tad-data EU CARE dwar il-ħabriet fit-toroq; għad-data dwar il-popolazzjoni, Eurostat (kodiċi tad-data online [demo pjan](#))

F'termini tat-tqassim ġeografiku u demografiku tal-vittmi tat-toroq, jirriżultaw xi xejriet ċari. It-toroq rurali għadhom l-aktar tip ta' triq perikoluża. L-irġiel jaqbu bil-kbir lin-nisa fl-imwiet fit-toroq. Is-sehem għoli b'mod sproporzjonat ta' żgħażaġh u ta' persuni akbar fl-età fl-imwiet fit-toroq – speċjalment fost persuni bil-mixi u fuq ir-roti – huwa wkoll ta' tħassib dejjem akbar.



Illustrazzjoni 4 Matriċi tal-kolliżjonijiet tal-fatalitajiet tat-traffiku fit-toroq tal-UE skont l-utent tat-triq u l-vettura ewlenija l-oħra involuta fil-ħabta, 2023. Sors: Bażi tad-data EU CARE dwar il-ħabriet fit-toroq

F'termini assoluti, l-okkupanti tal-karozzi huma l-aktar probabbli li jmutu f'ħabriet fit-toroq. Dawn jikkostitwixxu madwar 44 % tal-fatalitajiet kollha, segwiti minn persuni bil-mixi, il-motoċiklisti, u ċ-ċiklisti. Madankollu, meta mqabbel mal-għadd ta' vetturi fit-triq, il-motoċiklisti huma f'riskju ferm akbar li jmutu f'ħabta fit-triq. Il-ħaddiema fit-toroq u l-persunal tal-manutenzjoni huma grupp ta' riskju speċifiku. Analiżi ulterjuri ta'

dan it-tqassim ġeografiku u demografiku ta' ħabtiet fatali fit-toroq tista' tinstab f'rapporti tal-Osservatorju Ewropew għas-Sikurezza tat-Triq⁸.

Ir-rapporti juru li għadd kbir ta' fatalitajiet tal-okkupanti tal-karozzi u tal-motoċiklisti jirriżultaw minn ħabtiet b'vettura waħda, filwaqt li l-persuni bil-mixi u ċ-ċiklisti huma partikolarment vulnerabbli meta jkunu involuti f'ħabta ma' karozza.

Il-progress fil-protezzjoni ta' utenti vulnerabbli tat-triq bħall-persuni bil-mixi, iċ-ċiklisti u l-utenti ta' apparati ħfief ta' elettromobbiltà kien wieħed imħallat. Bejn l-2019 u l-2023, mietu madwar 900 persuna bil-mixi inqas. Madankollu, it-tnaqqis fil-fatalitajiet fost iċ-ċiklisti u l-motoċiklisti kien ferm iżgħar, bi tnaqqis ta' madwar 100 f'kull kategorija madwar l-UE. Fil-bliet, kważi 70 % tan-nies li mietu f'ħabtiet fit-toroq kienu utenti vulnerabbli tat-triq. Dan il-perċentwal baqa' għoli ħafna, u jenfasizza l-ħtieġa kritika ta' azzjoni biex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq fil-bliet.

Fl-istess ħin, kien hemm żieda qawwija f'apparati oħra ta' mobbiltà personali bħall-iscooters elettriċi fit-toroq tal-UE u żieda proporzjonali fl-għadd ta' korrimenti u fatalitajiet f'din il-kategorija. Il-ġbir tad-data fil-bażi tad-data CARE⁹ għal din il-kategorija speċifika ta' utenti tat-triq beda fl-2023. Issa qed jiġi kkunsidrat kif għandhom jiġu indirizzati l-isfidi tas-sikurezza li tippreżenta din il-kategorija. Studju tal-Kummissjoni¹⁰ fl-2024 eżamina l-isfidi u l-opportunitajiet assoċjati mar-regolamentazzjoni tal-apparati ta' mobbiltà personali u rakkomanda regoli armonizzati biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni kurrenti madwar l-UE.

Il-Grupp ta' Esperti dwar il-Mobbiltà Urbana¹¹ ħareġ serje ta' rakkomandazzjonijiet¹², iffukati fuq il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli tat-triq. Dawn huma favur l-implimentazzjoni ta' limitu tal-veloċità ta' 30 km/h f'żoni urbani bħala l-miżura bl-akbar impatt, segwita mill-iżvilupp ta' rekwiżiti ta' kwalità għall-infrastruttura tat-toroq li taqdi lil dawn il-gruppi bħal punti tal-qsim tal-persuni bil-mixi u mogħdijiet segregati għall-mixi u għaċ-ċikliżmu.

⁸ https://road-safety.transport.ec.europa.eu/european-road-safety-observatory/data-and-analysis/thematic-reports_en.

⁹ Bażi tad-data tal-UE b'data diżaggregata dwar il-ħabtiet fit-toroq li jwasslu għal mewt jew korriment: https://road-safety.transport.ec.europa.eu/european-road-safety-observatory/methodology-and-research/care-database_en.

¹⁰ Study on the need for harmonised rules to support the rise of micro mobility and increased road safety for personal mobility devices – Rapport finali (1.0), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024 <https://data.europa.eu/doi/10.2873/8572224>.

¹¹ Grupp ta' Esperti dwar il-Mobbiltà Urbana (E03863) stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2022) 5320 final.

¹² https://transport.ec.europa.eu/transport-themes/urban-transport/expert-group-urban-mobility_en.

2. FATTURI EWLENIN TA' RISKJU KOMPORTAMENTALI

Minkejja deċennji ta' investiment fis-sikurezza fit-toroq, kampanji ta' sensibilizzazzjoni u miżuri leġiżlattivi, il-fatturi ta' riskju komportamentali jkomplu jaħdsu l-ħajjiet. Dawk ewlenin huma l-veloċità eċċessiva jew mhux xierqa, is-sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol u/jew tad-drogi, id-distrazzjoni, u n-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza. Aktar dettalji dwar kull wieħed minn dawn il-fatturi ta' riskju jinsabu fl-analiżi ppubblikata fuq l-Osservatorju Ewropew għas-Sikurezza tat-Triq¹³. Dawn li ġejjin huma xi eżempji:

Sewqan taħt l-influwenza tax-xorb: madwar 25 % tal-fatalitajiet kollha fit-toroq fl-UE huma relatati mal-alkoħol. L-ittestjar aleatorju fit-triq tal-alkoħol fin-nifs juri konformità ġenerali għolja mal-limiti tal-alkoħol, ta' madwar 98 %. Madankollu anke din ir-rata ta' nuqqas ta' konformità li tidher żgħira ta' 2 % tissarraf f'madwar ħames miljun sewwieq b'insuffiċjenza fil-kapaċità tas-sewqan fit-toroq tal-UE.

Sewqan b'veloċità eċċessiva: il-veloċità eċċessiva jew mhux xierqa hija stmata li hija direttament responsabbli għal madwar 30 % tal-ħabtiet fatali kollha fit-toroq fl-UE. F'ħafna pajjiżi, il-konformità mal-limiti tal-veloċità taqa' taħt il-50 % fit-toroq tal-bliet.

Distrazzjoni: l-analiżijiet fil-fond tal-UE dwar il-ħabtiet jindikaw li d-distrazzjoni tas-sewwieq hija fattur kontributorju f'10–30 % tal-ħabtiet fatali, skont il-pajjiż u s-sors tad-data.

Ebda ċinturin tas-sikurezza: Aktar minn kwart tal-okkupanti tal-karozzi li mietu f'ħabtiet ma kinux lebsin ċinturin tas-sikurezza f'dak il-ħin. L-istħarriġiet ta' osservazzjoni juru li xi pajjiżi jirrapportaw rati ta' konformità tas-sits ta' wara taħt il-50 %, li jirrappreżenta nuqqas sinifikanti fis-sikurezza.

Il-miżuri biex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq jeħtieġ li japplikaw l-approċċ tas-Sistema Sikura biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet komportamentali flimkien ma' miżuri oħra biex tittejjeb l-infrastruttura tat-toroq u s-sikurezza tal-vetturi, u biex tingħata kura effettiva wara ħabta.

3. SFIDI SISTEMIĊI EWLENIN

L-evidenza mill-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-UE u dawk nazzjonali, mill-pjanijiet ta' azzjoni u minn dokumenti strateġiċi oħra, u mir-rispons mir-rappreżentanti tal-Istati Membri, tissuġġerixxi li għadd ta' sfidi sistemiċi jkomplu jimpedixxu l-progress lejn l-ilħuq tal-għanijiet tal-2030.

- **L-infurzar** tar-regoli tat-traffiku fit-triq għadu sfida, b'nuqqasijiet strutturali ta' uffiċjali tal-pulizija tat-traffiku fit-toroq, u nuqqas ta' sistemi ta' kameras awtomatizzati.
- **Aċċettazzjoni limitata mis-soċjetà**, b'mod partikolari tal-miżuri ta' infurzar. Ir-reżistenza tal-pubbliku għall-infurzar awtomatizzat, għal limiti aktar baxxi ta' veloċità, u għal penali aktar stretti tirrifletti indifferenza kulturali usa' għall-ħtieġa li tingħata prijorità lis-sikurezza fuq il-konvenjenza tal-mobbiltà. Xi eżempji

¹³ Ara https://road-safety.transport.ec.europa.eu/european-road-safety-observatory/data-and-analysis/thematic-reports_en għal rapporti dettaljati dwar is-sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol u d-drogi, it-tagħmir protettiv bħal ċinturini tas-sikurezza, id-distrazzjoni u l-veloċità. Ara wkoll https://road-safety.transport.ec.europa.eu/eu-road-safety-policy/priorities/safe-road-use/alcohol_en għal studju tal-2022 dwar [il-prevenzjoni tas-sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol u d-drogi](#).

jinkludu kameras tal-veloċità li ngħataw in-nar u t-tneħħija mid-dimostranti ta' miżuri ta' moderazzjoni tat-traffiku.

- **Nuqqas ta' kapacià:** l-awtoritajiet responsabbli għall-infrastruttura tas-sikurezza fit-toroq, għall-adattamenti tat-traffiku u għall-infurzar, b'mod partikolari dawk fil-livell municijali, spiss ma jkollhomx persunal kwalifikat. Hemm nuqqasijiet persistenti f'ħafna Stati Membri tal-UE ta' għalliema u ta' eżaminaturi tas-sewqan u ta' persuni responsabbli għall-ispezzjoni teknika tal-vetturi.
- **Finanzjament insuffiċjenti:** ħafna Stati Membri ma għandhomx baġits dedikati għas-sikurezza fit-toroq fil-livell nazzjonali u lokali u għalhekk ma jistgħux jimpjegaw persunal kwalifikat biex ifassal u jimplementa proġetti tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq jew biex iżomm għadd adegwat ta' persunal tal-infurzar.
- **Ir-rieda politika** fil-livelli kollha tibqa' inkonsistenti, bis-sikurezza fit-toroq spiss tiġi ttrattata b'ħala kwistjoni teknika aktar milli politika. Il-fehim batut tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tat-trauma wara inċidenti fit-toroq jista' jkun irraġuni għall-eżitazzjoni biex tittieħed azzjoni.
- **L-isfidi ta' governanza** jippersistu, bir-responsabbiltajiet frammentati f'livelli u setturi amministrattivi differenti.
 - **Fil-livell tal-UE**, il-mandat imsaħħa mogħti lill-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Sikurezza fit-Toroq¹⁴, li jippermettilu jinkludi pariri strateġiċi u feedback aktar frekwenti mhux dejjem seta' wassal biex il-kwistjonijiet imqajma mir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE jirċievu segwitu adegwat tal-UE fl-oqsma kollha ta' politika relatati mas-sikurezza fit-toroq.
 - Il-qafas ta' governanza tas-sikurezza fit-toroq tal-UE ma huwiex strutturat biżżejjed biex jakkomoda l-introduzzjoni usa' ta' vetturi awtonomi fit-traffiku fit-toroq, u lanqas biex tiġi sfruttata l-big data għall-finijiet ta' azzjoni dwar is-sikurezza fit-toroq. Ġew stabbiliti aġenziji eżekuttivi b'mandati ta' sikurezza għal modi oħra ta' trasport iżda ma hemm l-ebda qafas komuni biex jappoġġa l-monitoraġġ, il-koordinazzjoni u l-ħidma teknika meħtieġa biex jiġu introdotti b'mod sikur vetturi awtonomi fit-toroq tal-UE. Dan jista' jinvolvi opportunità mitlufa kemm għas-sikurezza fit-toroq kif ukoll għall-ekonomija tal-UE.
 - Sadanittant, **fil-livell nazzjonali**, minkejja ħafna eżempji pożittivi, in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ekonomiċi, tat-trasport, tas-saħħa, tal-ġustizzja u tal-edukazzjoni spiss ixekkel l-approċċ olistiku għas-sikurezza fit-toroq li huwa meħtieġ¹⁵.

¹⁴ https://road-safety.transport.ec.europa.eu/what-we-do/high-level-group-road-safety_en.

¹⁵ L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO, World Health Organization) tirrakkomanda l-ħatra ta' "aġenzija ewlenija", li tabbozza strateġiji nazzjonali u tistabbilixxi miri nazzjonali kwantifikati. Ara Belin M-Å, Khayesi M, Tran N., "“Road safety is no aċċident”: building efficient road safety lead agencies, strategies and targets in the world, 2009–2023”, *Injury Prevention*, il-15 ta' Lulju 2025, <http://doi:10.1136/ip-2024-045601>

4. X'SAR SA ISSA?

Il-Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030¹⁶ huwa d-dokument ta' politika strateġika għad-deċennju kurrenti. Dan identifika erba' oqsma ewlenin ta' azzjoni ("oqsma ta' intervent") li jaqblu mal-erba' pilastri tal-approċċ tas-Sistema Sikura: toroq u għub tat-toroq sikuri; vetturi sikuri; użu sikur tat-toroq; u rispons ta' emerġenza effettiv. Il-Kummissjoni ħadet azzjoni f'kull wieħed minn dawn l-oqsma fil-forma ta' leġiżlazzjoni, finanzjament, sensibilizzazzjoni u bini tal-kapaċitajiet.

4.1. SIKUREZZA TAL-INFRASTRUTTURA

Il-bini ta' toroq u ta' għub tat-toroq tajbin huwa kruċjali biex tiżdied is-sikurezza tal-utenti tat-triq. F'Ottubru 2019, l-UE adottat Direttiva riveduta dwar il-ġestjoni tas-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq (id-Direttiva RISM, Road Infrastructure Safety Management)¹⁷ bil-għan li jitnaqqsu kemm l-għadd kif ukoll is-severità tal-ħabtiet. Ir-regoli riveduti estendew il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva lil hinn min-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T, Trans-European Transport Network), għall-awtostradi u t-toroq primarji u għat-toroq kollha barra miż-żoni urbani li huma mibnija bl-użu ta' fondi tal-UE. Dan ifisser li t-toroq rurali, fejn iseħħu aktar minn nofs l-imwiet kollha fit-toroq, issa jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, biex jiġi żgurat li s-sikurezza tiġi integrata fil-fażijiet kollha tal-ippjanar, tad-disinn u tal-operat tat-toroq.

Bħala parti minn dan l-eżerċizzju ewlieni, l-Istati Membri jridu jwettqu valutazzjonijiet regolari tat-toroq madwar in-network, abbażi ta' metodoloġija ta' skalar tar-riskju li tgħin biex jiġu identifikati aħjar ir-riskji ta' ħabtiet fuq partijiet speċifiċi tat-triq. Dan se jirriżulta fi spezzjonijiet tas-sikurezza fit-toroq li jkunu mmirati lejn l-aktar partijiet perikolużi u b'hekk jgħinu biex l-investment jiġi dirett lejn fejn huwa l-aktar meħtieġ. Il-Kummissjoni għamlet disponibbli gwida¹⁸ biex tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali jwettqu l-kompitu tagħhom kif ukoll mappa tal-Ewropa¹⁹ li turi n-network kollu tat-toroq kopert mid-Direttiva.

Il-Kummissjoni bħalissa qed tħejji gwida dwar id-disinn ta' toroq sikuri u infrastruttura faċli għall-utenti vulnerabbli tat-triq, bħala segwitu għad-Dikjarazzjoni Ewropea dwar iċ-Ċiklizmu²⁰ u għar-rekwiżit tad-Direttiva RISM li l-utenti vulnerabbli jitqiesu sistematikament fil-proċeduri kollha ta' ġestjoni tas-sikurezza fit-toroq.

Id-Direttiva dwar Sistemi ta' Trasport Intelligenti²¹ tipprevedi regolamenti tat-traffiku statiċi u dinamiċi bħal limiti tal-veloċità fuq in-network TEN-T komprensiv, l-awtostradi,

¹⁶ COM (2018) 293, Anness I.

¹⁷ Id-Direttiva (UE) 2019/1936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 li temenda d-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 305/1, 26.11.2019, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1936/oj>).

¹⁸ Network Wide Road Safety Assessment Methodology and Implementation Handbook, 93e39cd2-9e71-4ee0-8a8e-4de4fddaf068_en.

¹⁹ [TENtec Map Viewers - Explore the TEN-T Network |L-Infrastruttura Ewropea tat-Trasport](#)

²⁰ [Dikjarazzjoni Ewropea dwar iċ-Ċikliżmu, ĠU C/2024/2377, 3.4.2024.](#)

²¹ Id-Direttiva (UE) 2023/2661 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li temenda d-Direttiva 2010/40/UE dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L, 2023/2661, 30.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2661/oj>).

it-toroq primarji u n-nodi urbani. Se ttejjeb il-konformità tas-sewwieqa u twassal għal traffiku aktar sikur u aktar intelliġenti, billi tipprovdi appoġġ għal assistenza intelliġenti tal-veloċità u mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata.

4.2. SIKUREZZA TAL-VETTURI

Il-vetturi sikuri huma t-tieni pilastru tas-Sistema Sikura. Il-vetturi għandhom impatt sinifikanti fuq is-sikurezza fit-toroq u l-bidliet rapidi fit-teknoloġija jfissru li jirrikjedu attenzjoni regolatorja kostanti.

Ir-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Vetturi²², li jstabilixxi standards minimi ta' sikurezza għall-vetturi ġodda kollha mibjugħa fis-suq tal-UE, daħal fis-seħħ bis-sħiħ f' Lulju 2024. Dan introduċa rekwiżiti b'potenzjal sinifikanti biex tittejjeb is-sikurezza bħall-assistenza intelliġenti tal-veloċità, l-assistenza għaż-żamma tal-korsija, l-informazzjoni dwar il-punti mhux viżibbli u s-sistemi ta' detezzjoni tal-irriverżjar, u ż-żoni mkabbra ta' protezzjoni f'każ ta' impatt fuq ir-ras li kapaċi jimmitigaw il-korrimenti f'kolliżjonijiet ma' utenti vulnerabbli tat-triq, bħall-persuni bil-mixi u ċ-ċiklisti. Il-Kummissjoni taħdem kontinwament mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament u tal-qafas regolatorju għall-vetturi awtonomi.

F'April 2025, il-Kummissjoni pproponiet li tirrevedi r-regoli tal-UE dwar l-affidabbiltà stradali tal-vetturi²³. L-għan huwa li l-vetturi jinżammu sikuri matul il-ħajja kollha tagħhom, u li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-arja u tal-istorbju, b'mod partikolari mal-wasla ta' żviluppi teknoloġiċi u fl-isfond ta' flotta ta' vetturi tal-UE li qed tiqdiem. Ir-regoli l-ġodda proposti huma maħsuba biex jadattaw l-ispezzjonijiet tekniċi perjodiċi li jgħaddu minnhom il-vetturi elettriċi u s-sistemi avvanzati ta' assistenza fil-kontroll għas-sewwieqa, biex jintroduċu spezzjoni teknika perjodika obbligatorja għall-muturi u spezzjonijiet annwali għal karozzi u vannijiet eqdem, biex jiddaħħlu metodi avvanzati ta' ttestjar tal-emissjonijiet biex jiġu identifikati vetturi b'emissjonijiet għoljin u biex l-ispezzjonijiet tal-irbit tal-merkanzija jkunu obbligatorji waqt l-ispezzjonijiet fit-triq. Huwa smat li, jekk jiġu implimentati, dan kollu se jsalva madwar 7 000 ħajja u jipprevjeni madwar 65 000 korriment serju bejn l-2026 u l-2050.

4.3. UŻU SIKUR TAT-TOROQ

L-użu sikur tat-toroq, li jinkludi livelli xierqa ta' veloċità, sewqan mhux taħt l-influenza tal-alkoħol u mingħajr distrazzjoni u l-użu ta' tagħmir ta' sikurezza, huwa t-tielet qasam ta' azzjoni fil-Qafas ta' Politika kurrenti tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030 u t-tielet pilastru tal-approċċ tas-Sistema Sikura. Il-liċenzjar tas-sewwieqa, l-edukazzjoni mmirata u s-sensibilizzazzjoni u r-reġimi ta' infurzar b'saħħithom huma komponenti sinifikanti ta' struttura ta' inċentivi li tħeġġeġ l-użu sikur tat-toroq u tal-vetturi.

²² [Ir-Regolament \(UE\) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019](#) dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq.

²³ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/45/UE dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u d-Direttiva 2014/47/UE dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni, COM/2025/180 u Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti tar-reġistrazzjoni għall-vetturi u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi reġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE, COM/2025/179.

F'Ottubru 2025, l-UE adottat reviżjoni tad-**Direttiva dwar il-Liċenzji tas-Sewqan**²⁴. Minbarra l-introduzzjoni ta' liċenzji tas-sewqan mobbli, ir-regoli l-ġodda jipprevedu sewqan akkumpanjat għal sewwieqa studenti żgħażaġh, regoli aktar stretti u/jew penali għal sewwieqa novizzi li jinqabdu jsuqu taħt l-influenza tax-xorb u tad-droga, aktar sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji, protezzjoni aħjar tal-utenti vulnerabbli tat-triq, u qafas għdid li jippermetti lill-Istati Membri jivverifikaw l-idoneità mentali u fiżika tas-sewwieqa biex isuqu tul ħajjithom kollha.

Filwaqt li r-regoli preċedenti tal-UE tejbu l-konformità mar-regolamenti dwar is-sikurezza fit-toroq minn sewwieqa mhux residenti, għad hemm lakuna sinifikanti: madwar 40 % tar-reati transfruntieri ma ġewx ikkastigati minħabba sfidi biex jiġu identifikati t-trasgressuri u biex jiġu infurzati l-multi u l-iskwalifiki mis-sewqan. Dawn id-dgħufijiet ġew indirizzati mid-Direttiva l-għdida dwar il-Liċenzji tas-Sewqan. Għal reati kbar, bħas-sewqan taħt l-influenza tax-xorb jew tad-droga, is-sewqan b'veloċità eċċessiva ta' aktar minn 50 km 'il fuq mil-limitu tal-veloċità, jew il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku fit-toroq li jikkawża mewt jew korriment serju ta' oħrajn, l-Istat Membru li joħroġ liċenzja tas-sewqan se jkun obligat jimponi **skwalifika mis-sewqan** simili għall-penali maħruġa mill-Istat Membru li fih sar ir-reat. Dan ifisser li l-penali se jkollha effett madwar l-UE kollha. Barra minn hekk, id-**Direttiva** li għadha kif ġiet adottata **dwar l-Infurzar Transfruntier (CBE, Cross-Border Enforcement)**²⁵ iżżid il-koooperazzjoni bejn l-Istati Membri billi tistabbilixxi assistenza reċiproka biex jiġu infurzati l-penali finanzjarji b'mod effettiv għal firxa usa' ta' reati relatati mas-sikurezza fit-toroq.

Il-veloċità tibqa' l-fattur kontributorju ewlieni fil-ħabriet fit-toroq. Il-veloċità eċċessiva jew mhux xierqa hija involuta f'10-15 % tal-ħabriet kollha u f'madwar 30 % tal-ħabriet fatali u taggrava l-konsegwenzi tal-ħabriet kollha. Jekk persuna bil-mixi tintlaqat minn karozza li tkun għaddeġja bi 30 km/h ikollha ċans ta' sopravivenza ta' 90 %; b'50 km/h iċ-ċans tagħha jonqos għal 20 %²⁶. Filwaqt li l-veloċità tibqa' kwistjoni politikament u kulturalment sensitiva, l-inizjattivi li jnaqqsu l-veloċità jgħibu benefiċċji sinifikanti mhux biss inqas ħabriet fit-toroq, fatalitajiet u korrimenti, iżda wkoll benefiċċji ambjentali, bl-emissjonijiet, il-livelli ta' tniġġis akustiku u l-konsum tal-fjuwil jonqsu kollha kemm huma.

Ħafna inizjattivi promossi fil-livell tal-UE diġà jindirizzaw il-veloċità b'mod inerenti. Dawn jinkludu r-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Vetturi tal-UE u d-Direttiva dwar is-CBE msemmija hawn fuq. Ħafna awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali diġà introduċew jew qed jippjanaw li jintroduċu inizjattivi ġodda ta' ġestjoni tal-veloċità bħal żoni ta' 30 km/h fil-bliet, b'mod partikolari f'żoni fejn utenti attivi u vulnerabbli tat-triq u vetturi jitħalltu ta' spiss b'mod ippjanat²⁷.

²⁴ [Id-Direttiva \(UE\) 2025/2205 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2025 dwar il-liċenzji tas-sewqan](#), li temenda r-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2022/2561 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 383/2012.

²⁵ Id-Direttiva (UE) 2024/3237 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq.

²⁶ <https://www.who.int/publications/m/item/speed-management--a-road-safety-manual-for-decision-makers-and-practitioners.-2nd-edition>.

²⁷ Ara G. Yannis u E. Michelaraki, "Effectiveness of 30 km/h speed limit – A literature review", Journal of Safety Research 92 (2025) 490–503 li jgħid li "L-evidenza xjentifika kurrenti indikat li l-

Oħrajn għażlu miżuri oħra: pereżempju, iffukaw fuq it-titjib tad-disinn tal-infrastruttura biex jiproteġu lill-utenti vulnerabbli tat-triq, fuq l-identifikazzjoni u l-ġestjoni aħjar tar-riskji jew fuq is-separazzjoni tal-flussi tat-traffiku, fuq l-infurzar tal-limiti tal-veloċità u fuq edukazzjoni u komunikazzjoni aħjar.

4.4. RISPONS TA' EMERĠENZA EFFETTIV

Ir-rispons ta' emerġenza rapidu huwa kruċjali biex jiġu salvati l-ħajjiet u biex titnaqqas is-severità tal-korrimenti. L-azzjoni tal-UE dwar il-kura wara ħabta, ir-raba' pilastru tas-Sistema Sikura, għandha l-għan li tnaqqas il-ħin bejn il-ħabta u l-wasla ta' timijiet mediċi fis-siti tal-ħabtiet. Ir-rispons aktar rapidu mis-servizzi ta' emerġenza jtejjeb il-possibiltajiet ta' sopravivenza b'mod sinifikanti: studju wieħed minn Spanja²⁸ indika li tnaqqis ta' 10 minuti fir-rispons mediku huwa assoċjat ma' tnaqqis ta' terz fil-probabbiltà ta' mewt.

Ir-risultati mill-istudju Trendline jindikaw li, fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej, il-ħin tar-rispons ta' emerġenza huwa ta' 10 minuti jew inqas f'nofs l-inċidenti. F'95 % tal-każijiet, ir-rispons ta' emerġenza huwa ta' madwar 25 minuta jew inqas. Bħala medja, ir-rispons huwa 10 minuti itwal fiż-żoni rurali milli fiż-żoni urbani.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-eCall għamlet is-sistemi awtomatizzati ta' sejħiet ta' emerġenza bbażati fuq in-numru 112 obligatorji fil-karozzi l-ġodda kollha mibjugħa fl-UE mill-1 ta' April 2018 'il quddiem. L-analiżi fil-Finlandja²⁹ tindika li l-użu tal-eCall inaqqas il-ħin bejn is-sejħa inizjali għas-servizzi ta' emerġenza u l-wasla ta' timijiet mediċi fuq il-post tal-ħabta minn 25 għal 22 minuta. Dan inaqqas il-ħin tar-rispons saħansitra aktar fuq l-awtostradi: minn 20 għal 14-il minuta.

Fl-2024, il-Kummissjoni aġġornat il-leġiżlazzjoni dwar l-eCall biex tippermetti l-użu tal-eCall bl-aktar teknoloġiji ta' komunikazzjoni reċenti³⁰ mill-1 ta' Jannar 2026 għal tipi ġodda ta' vetturi u mill-1 ta' Jannar 2027 għall-vetturi ġodda kollha. B'kuntrast ma' dan, l-eliminazzjoni gradwali tan-networks ta' komunikazzjoni mobbli 2G u 3G madwar l-UE fis-snin li ġejjin se toħloq riskju li l-vetturi eżistenti mġhammra b'apparat tal-eCall 2G-3G ma jibqgħux ikunu jistgħu jużaw is-servizz tal-eCall.

4.5. KOORDINAZZJONI U SENSIBILIZZAZZJONI FIL-LIVELL TAL-UE

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom responsabbiltà konġunta għall-politika dwar is-sikurezza fit-toroq, u jikkondividu l-kompetenza fiha. It-titjib tas-sikurezza jirrikjedi azzjoni koordinata mill-partijiet kollha u fil-livelli kollha ta' governanza: l-awtoritajiet

introduzzjoni ta' limiti ta' veloċità ta' 30 km/h fil-bliet tista' ssalva aktar minn 40 % tal-ħajjiet, flimkien ma' effetti pożittivi sinifikanti fuq l-ambjent, il-konsum tal-enerġija u s-saħħa pubblika, inkluż tnaqqis fil-konsum tal-fjuwil u iżjed mixi u ċikliżmu.”

²⁸ Sánchez-Mangas R, García-Ferrrer A, de Juan A, Martín Arroyo A, “The probability of death in road traffic accidents. How important is a quick medical response?”, Accident Analysis & Prevention 2010, Volum 42, Harġa 4, Lulju 2010, paġni 1048-1056, <https://doi.org/10.1016/j.aap.2009.12.012>.

²⁹ <https://trendlineproject.eu/media/pages/trendline-results/c0a640421f-1764252485/kpi-post-crash-care-report.pdf>

³⁰ Networks packet switched tal-IMS bħal 4G u 5G.

pubbliċi, l-industrija, l-assoċjazzjonijiet tal-utenti, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs, non-governmental organisations), l-iskejjel, u r-riċerkaturi.

Fil-livell tal-UE, il-**Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Sikurezza fit-Toroq**, li jinkludi rappreżentanti nazzjonali ta' grad għoli huwa forum għall-iskambju u l-konsultazzjoni mal-Istati Membri. Il-membri tal-Grupp ta' Livell Għoli jiddiskutu l-progress fil-livell nazzjonali u spiss iqajmu kwistjonijiet ta' interess komuni li dwarhom jixtiequ jaraw azzjoni fil-livell tal-UE bħar-regolamentazzjoni tal-apparat ta' mobbiltà personali jew l-applikazzjoni tar-regoli tat-traffiku fit-toroq għall-vetturi awtonomi.

Il-Kummissjoni torganizza **konferenzi** biennali dwar **ir-riżultati tas-sikurezza fit-toroq** biex tiddiskuti l-progress, tiskambja l-aħjar prattiki, u tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati. Il-**Koordinatur Ewropew għas-Sikurezza fit-Toroq** jikkoordina l-isforzi mal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni thegħegħ impenji volontarji skont il-**Karta Ewropea dwar is-Sikurezza fit-Toroq**³¹, l-akbar pjattaforma tas-soċjetà ċivili fid-dinja għas-sikurezza fit-toroq b'aktar minn 4 300 membru. Il-premjijiet annwali jirrikonoxxu inizjattivi innovattivi, inkluż ir-rikonoxximent għal bliet Ewropej sikuri.

Bl-użu tal-finanzjament tal-UE, l-**Iskambju tas-Sikurezza fit-Toroq tal-UE**³² jipprovdi attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet u ta' ġemellaġġ għall-Istati Membri bl-akbar potenzjal biex itejbu l-prestazzjoni tagħhom. L-uffiċjali jibnu sħubijiet mal-kontropartijiet f'pajjiżi oħra permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki u l-wiri ta' inizjattivi ta' suċċess. Diversi skambji kollaborattivi rriżultaw fi progress tanġibbli fl-istrateġiji u fl-ippjanar nazzjonali tas-sikurezza fit-toroq. Wara li kkollaborat mal-Iżvezja, il-Litwanja bdiet taħdem biex twessa' l-applikazzjoni tal-infrastruttura tat-toroq 2+1³³. Ir-Rumanija bdiet it-tħejjijiet biex tinstalla network nazzjonali ta' kameras b'veloċità fissa, ispirata mis-sistema Spanjola, bil-varar bħalissa skedat għall-2026. Il-Latvja bdiet teżamina l-potenzjal għal investigazzjoni fil-fond tal-ħabtiet, billi ħadet l-ideat mill-metodoloġija tal-Finlandja. Sadanittant, bħala parti mil-liġi l-ġdida tagħha dwar it-traffiku fit-toroq, il-Greċja naqqset il-limiti tal-veloċità fiż-żoni urbani għal 30 km/h u għandha tintroduċi miżuri addizzjonali li għandhom l-għan li jtejbu s-sikurezza tal-motoċiklisti, wara attivitajiet ta' kondiviżjoni tal-għarfien ma' Spanja u mad-Danimarka.

Dawn l-isforzi ta' promozzjoni rnexxielhom ilaqqgħu flimkien lill-partijiet ikkonċernati interessati fil-komunità tas-sikurezza fit-toroq u fil-promozzjoni ta' ċertu livell ta' valutazzjoni u apprendiment reċiproċi fost l-Istati Membri. Iżda l-prijoritizzazzjoni politika tas-sikurezza fit-toroq u l-integrazzjoni tat-tħassib dwar is-sikurezza fit-toroq f'setturi oħra bħall-politika ekonomika, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol jibqgħu fil-biċċa l-kbira kwistjoni ta' responsabbiltà nazzjonali.

³¹ <https://road-safety-charter.ec.europa.eu/>.

³² <https://etsc.eu/projects/eu-road-safety-exchange/>.

³³ Triq 2+1 hija tip ta' triq b'żewġ korsiji f'direzzjoni waħda u korsija waħda fid-direzzjoni opposta, separati b'barriera fin-nofs jew barriera, bil-korsija żejda talterna kull f'it kilometri. Id-disinn jippermetti l-qbiż ta' karozzi sikur filwaqt li l-kostijiet tal-kostruzzjoni jinżammu aktar baxxi mill-bini ta' karreġġata doppja sħiħa.

4.6. FINANZJAMENT TAS-SIKUREZZA FIT-TOROQ

Il-finanzjament huwa ċ-ċavetta għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' sikurezza fit-toroq u għall-aċċellerazzjoni tal-progress fis-sikurezza fit-toroq madwar l-Ewropa, b'mod partikolari f'pajjiżi li għadhom lura fil-prestazzjoni tas-sikurezza fit-toroq.

L-UE użat tliet strumenti ewlenin biex tiffinanzja proġetti ta' infrastruttura tat-trasport nazzjonali u reġjonali li jikkontribwixxu għas-sikurezza fit-toroq: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), fejn il-ġestjoni hija kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), li hija ġestita direttament mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza appoġġat proġetti li jikkontribwixxu għas-sikurezza fit-toroq.

Taħt il-FNE, l-UE ffinanzjat ukoll proġetti transfruntieri għall-bini tal-kapaċitajiet bħall-valutazzjonijiet tal-infrastruttura tat-toroq fin-network kollu, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, il-kampanji ta' infurzar u l-implimentazzjoni tas-servizzi tas-STI bejn il-fruntieri.

Rapport reċenti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)³⁴ stima li matul l-aħħar deċennju, EUR 6 663 miljun³⁵ ta' finanzjament mill-FEŻR, mill-FK u mill-FNE – li jirrappreżentaw ftit aktar minn 2 % tal-valur ta' dawn il-fondi – kienu ġew impenjati għal proġetti li jinvolvu s-sikurezza fit-toroq. Madankollu, dawn l-istimi jkopru wkoll l-infrastruttura u proġetti oħra fejn is-sikurezza fit-toroq hija biss objettiv awżiljarju u mhux l-għan ewleni tal-azzjoni. Il-Qorti rakkomandat li l-kofinanzjament tal-UE jingħata prijorità għal inizzjattivi li jkollhom l-akbar impatt fuq is-sikurezza fit-toroq.

Il-finanzjament sar disponibbli wkoll għal riċerka ulterjuri taħt il-programm Orizzont Ewropa, inkluż għal infrastruttura sikura, vetturi sikuri, użu sikur tat-toroq u kura wara ħabta. Għall-perjodu 2021-2027, l-ammont allokat għall-proġetti ta' riċerka dwar is-sikurezza fit-toroq huwa ta' madwar EUR 123 miljun, li jirrappreżenta madwar 0,13 % tal-valur totali tal-programm kurrenti Orizzont Ewropa.

Min-naħa tal-finanzjament, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għamel l-integrazzjoni tas-sikurezza fl-investimenti kollha fit-toroq prijorità fil-Politika dwar is-Self fis-Settur tat-Trasport tal-2022 tiegħu, li hija skedata għal rieżami ta' nofs it-terminu fl-2026. Barra minn hekk, huma inkorporati salvagwardji tas-sikurezza fit-toroq fl-Istandards Ambjentali u Soċjali li japplikaw għall-operazzjonijiet kollha tal-BEI. Permezz tal-Pjattaforma għal Trasport Aktar Sikur, il-BEI appoġġa investimenti mmirati għas-sikurezza fit-toroq, appoġġ ta' konsulenza u assistenza teknika, li jiġġeneraw proġetti f'diversi Stati Membri tal-UE. Fl-UE, il-BEI jordna l-konformità mad-Direttiva RISM u d-Direttiva dwar is-Sikurezza fil-Mini³⁶, inklużi valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sikurezza fit-toroq, u awditi tas-sikurezza fit-toroq.

³⁴ Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Rapport Speċjali 2024/04, L-ilħuq tal-obiettivi tas-sikurezza fit-toroq tal-UE: Wasal iż-żmien li ningranaw, https://www.eca.europa.eu/ECAPublications/SR-2024-04/SR-2024-04_MT.pdf.

³⁵ FNE: EUR 1 477 miljun; FEŻR u FK: EUR 5 186 miljun.

³⁶ Id-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-Network Trans-Ewropew tat-Toroq.

4.6.1. STAMPA TAR-RIĊERKA DWAR IS-SIKUREZZA FIT-TOROQ IFFINANZJATA MILL-UE

Bejn l-2021 u l-2025, Orizzont Ewropa appoġġa aktar minn 20 proġett ta' riċerka u innovazzjoni li jiffukaw fuq is-sikurezza fit-toroq.

L-attivitajiet ta' riċerka ffinanzjati mill-UE dwar is-sikurezza fit-toroq koprew erba' oqsma ewlenin, li jaqblu mal-erba' pilastru tal-approċċ tas-Sistema Sikura: infrastruttura sikura, vetturi sikuri, użu sikur tat-toroq u kura rapida u effettiva wara ħabta.

Il-proġetti relatati mal-infrastruttura, li jibqgħu għaddejjin sal-2026-2027, għandhom l-għan li joħolqu qafas għall-valutazzjoni tas-sikurezza mmexxija mid-data (Evoroads³⁷), li jiżviluppaw infrastruttura għall-aħjar monitoraġġ tas-sikurezza fit-toroq (iDriving³⁸), u li jiżviluppaw soluzzjonijiet tas-sikurezza fit-toroq għall-utenti vulnerabbli tat-triq f'kuntesti urbani (Soteria³⁹).

Fir-rigward tas-sikurezza tal-vetturi, il-proġetti kurrenti jkopru suġġetti bħall-iżvilupp ta' sistemi ta' sikurezza attivi u passivi għal vetturi awtonomi futuri (SAFE-UP⁴⁰) u l-medjazzjoni bejn is-sewqan mill-bniedem u s-sewqan awtomatizzat (Mediator⁴¹).

Il-proġetti reċenti dwar l-użu sikur tat-toroq ivarjaw minn valutazzjoni tas-sikurezza għall-utenti tat-toroq f'żoni urbani (PHOEBE⁴²) għal ġestjoni tal-ispazju urban għal xejriet ta' mobbiltà attiva (REALLOCATE⁴³) u modi kif jiġu identifikati l-alkoħol, id-drogi u l-għeja fost is-sewwieqa kummerċjali (PANACEA⁴⁴).

Fir-rigward tal-kura rapida u effettiva wara ħabta, l-enfasi hija fuq l-iżvilupp ta' kontrolli u miżuri effiċjenti wara ħabta għall-metodi kollha tat-trasport bit-triq, ir-rabta tal-għodod mediċi u tal-inġinerija (ProAct_Us⁴⁵) u l-valutazzjoni tal-konsegwenzi fit-tul tal-ħabtiet tat-traffiku fit-toroq (IMPROVA⁴⁶).

4.7. IMPLIMENTAZZJONI NAZZJONALI TAL-AZZJONIJET DWAR IS-SIKUREZZA FIT-TOROQ

Għalkemm qed jiġu segwiti inizjattivi importanti fil-livell tal-UE f'termini ta' leġiżlazzjoni, finanzjament, riċerka u sensibilizzazzjoni, ir-responsabbiltà primarja għas-sikurezza fit-toroq tinsab fil-livelli nazzjonali, reġjonali u municipli.

Ir-rapporti tal-pajjiżi ppubblikati ma' dan ir-rapport jiddeskrivu l-ħafna miżuri li qed jittieħdu fil-livell nazzjonali. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawn il-miżuri huma mfassla minn strateġiji pluriennali, pjanijiet ta' azzjoni jew programmi ta' azzjoni fil-livell tal-

³⁷ <https://evoroads-project.eu/>.

³⁸ <https://idriving-project.eu/>.

³⁹ <https://soteriaproject.eu/>.

⁴⁰ <https://www.safe-up.eu/>.

⁴¹ <https://mediatorproject.eu/>.

⁴² <https://phoebe-project.eu/>.

⁴³ <https://reallocatemobility.eu/>.


⁴⁴ <https://panacea-project.eu/>.

⁴⁵ <https://protact-us.eu/>.

⁴⁶ <https://improva-roadsafety.eu/>.

gvern li jistabbilixxu prijoritajiet nazzjonali distinti, jallokaw il-finanzjament u jistabbilixxu miri speċifiċi.

Minn dawn ir-rapporti tal-pajjiżi jidher ċar li azzjoni sostnuta, investment u prijorizzazzjoni tas-sikurezza fit-toroq taw il-frott f'ħafna każijiet. Pereżempju, għalkemm għadhom qed jiffaċċjaw sfidi, il-Polonja, il-Litwanja u s-Slovenja lkoll kisbu tnaqqis ta' 33-35 % fil-fatalitajiet fit-toroq fl-2024 meta mqabbla mal-2019, u b'hekk jinsabu fit-triq it-tajba biex jilhqqu l-mira ta' tnaqqis ta' 50 % sal-2030. Sadanittant, xi pajjiżi inklużi l-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Greċja għadhom jirreġistraw fatalitajiet fit-toroq ferm ogħla mill-medja tal-UE, u dan jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar azzjoni f'dawn l-Istati Membri. Filwaqt li fl-2025 ġew introdotti miżuri ġodda ta' politika dwar is-sikurezza fit-toroq f'xi pajjiżi, l-impatt tagħhom għadu mhuxwiegħ fid-data dwar is-sikurezza fit-toroq.



Illustrazzjoni 5 Fatalitajiet fit-toroq tal-UE għal kull miljun ta' popolazzjoni, 2019 – 2024. Sorsi: Il-bażi tad-data EU CARE dwar il-ħabriet fit-toroq; għad-data dwar il-popolazzjoni, Eurostat (kodiċi tad-data online [demo_pjan](#))

Il-miżuri ta' suċċess jistgħu jvarjaw skont il-kuntest nazzjonali. Is-suċċessi notevoli jinkludu investment imfassal apposta fl-infrastruttura tat-toroq u fis-sikurezza fit-toroq urbani fil-Polonja; l-implimentazzjoni ta' limitu tal-veloċità ta' 30 km/h f'ċentri urbani madwar il-pajjiż fi Spanja; it-tnedija ta' network komprensiv ta' kameras tat-traffiku awtomatizzati fi Franza; pjattaforma politika nazzjonali ġdida għas-sikurezza fit-toroq għal-livelli kollha ta' gvern federali u reġjonali fil-Belġju; u kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar is-sikurezza fit-toroq li jkunu riċerkati tajjeb u mwettqa tajjeb fid-Danimarka.

Id-dettalji tal-profil tas-sikurezza fit-toroq ta' kull Stat Membru jistgħu jinstabu fir-rapporti tal-pajjiżi ppubblikati ma' din il-komunikazzjoni⁴⁷.

⁴⁷ https://road-safety.transport.ec.europa.eu/index_en;
[lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt](https://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt)

[https://eur-](https://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt)

5. XEJRIET SOĊJETALI U TEKNOLOĠIĊI B'IMPATT FUQ IS-SIKUREZZA FIT-TOROQ

Diversi kwistjonijiet li ma għidux ħafna attenzjoni meta għe adottat il-Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030, minn dak iż-żmien 'l hawn saru oqsma li jirrikjedu azzjoni mmirata biex jitnaqqas l-impatt tagħhom fuq is-sikurezza fit-toroq.

5.1. TRASFORMAZZJONIJIET DEMOGRAFIĊI

L-istruttura demografika tal-UE għaddejja minn bidliet sinifikanti b'implikazzjonijiet diretti għas-sikurezza fit-toroq. Il-popolazzjoni qed tixjieħ, bil-proporzjon ta' ċittadini li għandhom 65 sena u aktar previst li jżied minn 22 % fl-2024 għal 30 % sal-2050⁴⁸. Din il-bidla demografika tippreżenta sfidi uniċi, peress li l-utenti tat-triq akbar fl-età jsiru aktar vulnerabbli minħabba l-fraġilità fiżika, il-ħinijiet ta' reazzjoni aktar bil-mod, u r-rati oġhla ta' severità tal-korrimenti⁴⁹.

Ix-xejra lejn urbanizzazzjoni akbar tkompli, b'aktar minn 75 % tal-popolazzjoni tal-UE issa tgħix f'żoni urbani⁵⁰. Din il-konċentrazzjoni ta' persuni f'ambjenti mibnija qed toħloq dinamika ġdida tal-mobbiltà, inkluża varjetà akbar ta' modi ta' mobbiltà, żieda fil-volumi tal-persuni bil-mixi u taċ-ċiklisti u densità oġhla tat-traffiku.

5.2. AVVANZI TEKNOLOĠIĊI

Is-settur awtomobilistiku għaddej minn trasformazzjoni teknoloġika mingħajr preċedent, waħda li għandha implikazzjonijiet sinifikanti għas-sikurezza. Is-sistemi avvanzati ta' assistenza għas-sewwieq (ADAS, Advanced Driver Assistance Systems) qed isiru karatteristiċi standard, b'teknoloġiji bħall-ibbrejkjar ta' emerġenza awtonomu, l-assistenza għaż-żamma tal-korsija, u l-assistenza intelliġenti tal-veloċità jipproduċu benefiċċji għas-sikurezza li jistgħu jitkejlu. L-iżgurar li s-sewwieqa jaċċettaw dawn il-karatteristiċi huwa kruċjali għas-suċċess tagħhom.

It-teknoloġiji tal-vetturi konnessi qed jippermettu twissijiet ta' periklu f'ħin reali u l-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku. Il-komunikazzjoni minn vettura għall-vettura (V2V, Vehicle-to-Vehicle) u bejn il-vettura u l-infrastruttura tista' twissi lis-sewwieqa dwar kundizzjonijiet perikolużi, postijiet ta' aċċidenti u rotot ottimali. Il-varar tagħhom fl-Istati Membri wera l-valur miżjud tagħhom. Is-servizzi ta' emerġenza huma ppruvati li jilħqu d-destinazzjonijiet tagħhom aktar malajr u b'mod aktar sikur, u l-operaturi tat-toroq ikollhom informazzjoni akkurata f'ħin reali dwar il-veloċitajiet medji u d-densitajiet tat-traffiku. Is-sistema ssir aktar effettiva biż-żieda ta' kull vettura ġdida, iżda

⁴⁸ Sors: Eurostat (kodiċijiet tad-data online [proj_23np](#) u [demo_pjanbroad](#)), l-artiklu rilevanti Statistics Explained: https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Population_structure_and_ageing#Past_and_future_population_ageing_trends_in_the_EU.

⁴⁹ Ara r-rapport tematiku dwar l-Anzjani fuq https://road-safety.transport.ec.europa.eu/european-road-safety-observatory/data-and-analysis/thematic-reports_en u <https://etsc.eu/reducing-older-peoples-deaths-on-european-roads-pin-flash-45/>.

⁵⁰ Sors: Eurostat (kodiċi tad-data online [ċens_21urb01](#)), ara wkoll: <https://ec.europa.eu/eurostat/web/degree-of-urbanisation/publications>.

għadha ma ntlaħqitx kopertura komprensiva madwar l-UE kollha, b'mod partikolari għas-servizzi V2V.

L-introduzzjoni gradwali ta' vetturi awtonomi tippreżenta kemm opportunitajiet kif ukoll sfidi. Filwaqt li ntweri li livelli oġġla ta' awtomatizzazzjoni jnaqqsu l-impatt ta' żball uman, il-perjodu tranżitorju se jgħib sfidi ġodda bħall-ġestjoni tal-interazzjoni sikura bejn il-vetturi awtonomi u daww misjuqa mill-bniedem fi traffiku mħallat, l-iżgurar tas-sikurezza tal-utenti tat-triq mhux motorizzati u l-istabbiliment tar-responsabbiltà għall-kollizzjonijiet tat-traffiku li jinvolvu vetturi awtonomi.

5.3. XEJRIET TA' MOBBILTÀ LI QED JEVOLVU

Is-settur tat-trasport u tal-mobbiltà qed jiġi ttrasformat minn servizzi ġodda u minn imġiba li qed tinbidel tal-utenti tat-triq. Il-proliferazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' mikromobbiltà bħal scooters elettriċi, roti elettriċi, u apparati oħra ta' mobbiltà personali ħolqot kategoriji ġodda ta' utenti vulnerabbli tat-triq; dawn l-utenti spiss ikollhom jaqsmu spazju urban skars tat-triq ma' persuni bil-mixi u ċiklisti.

Is-servizzi ta' ride-hailing u ta' ċar-sharing biddlu x-xejriet tal-vjaġġi, u potenzjalment żiedu l-kilometri tal-vetturi urbani filwaqt li kkonċentraw l-attività f'perjodi ta' traffiku intens.

L-ekonomija tal-gigs espandiet is-servizzi ta' konsenja bl-użu ta' muturi u roti mħaddma minn ħaddiema li jiffaċċjaw pressjonijiet ta' ħin u restrizzjonijiet ekonomiċi li spiss jinkoraġġixxu mġiba tat-teħid ta' riskji⁵¹, filwaqt li t-tipi ta' vetturi użati minn sewwieqa li jagħmlu konsenji, inklużi scooters elettriċi importati b'mod illegali jew mopeds mhux approvati li jaqbz u l-limiti tal-veloċità applikabbli, żiedu r-riskji għas-sikurezza fit-toroq.

5.4. IMPATTI TAT-TIBDIL FIL-KLIMA

It-tibdil fil-klima rriżulta bħala fattur sinifikanti iżda sottovalutat li jaffettwa s-sikurezza fit-toroq. L-eventi ta' temp estrem qed isiru aktar frekwenti u severi, u b'hekk joħolqu kundizzjonijiet ta' sewqan perikolużi. Il-mewġiet tas-sħana jistgħu jikkawżaw deterjorament tas-superfiċi tat-toroq u jaffettwaw il-prestazzjoni tas-sewwieqa, filwaqt li żieda fil-frekwenza tal-maltempati, tal-għargħar u tal-ġlata toħloq kundizzjonijiet perikolużi li jirrikjedu infrastruttura adattiva u kapaċitajiet ta' rispons ta' emerġenza.

It-temperaturi dejjem jogħlew jaffettwaw ukoll il-prestazzjoni tal-vetturi, b'mod partikolari dik tal-vetturi elettriċi, u jistgħu jżidu r-riskju ta' ħsara fit-tajers. L-effett "gżira ta' sħana urbana" jaggrava dawn it-theddidiet fil-bliet, fejn it-temperaturi tal-wiċċ jistgħu jaqbz b'mod sinifikanti t-temperaturi tal-arja ambjentali.

5.5. ĊIBERSIGURTÀ U UŻU TAD-DATA

Iż-żieda fil-konnettività bejn il-vetturi wasslet għal vulnerabbiltajiet ġodda li bilkemm kienu ġew rikonnoxxuti meta ġie żviluppat għall-ewwel darba l-Qafas ta' Politika tal-UE

⁵¹ Ara: The human cost of fast deliveries: A systematic literature review of occupational risks and safety outcomes in last-mile delivery workers - <https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S2214140525001537>.

dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030. It-theddid għaċ-ċibersigurtà għal vetturi konnessi u awtonomi għandu l-potenzjal li jikkawża ħabtiet, jiddiżattiva s-sistemi ta' sikurezza u jikkomprometti l-privatezza, li se jkun indirizzat permezz tal-Att Ewropew dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika⁵².

Il-ġbir tad-data sar ħafna aktar prevalenti matul dawn l-aħħar 5 snin iżda l-potenzjal tal-big data għadu ma ġiex ittrasformat f'għarfien dwar is-sikurezza fit-toroq li jista' jintuża. Huwa rari li d-data ta' ġol-vettura miżmuma mill-manifatturi tal-vetturi, id-data tal-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni fil-każ ta' inċidenti miżmuma mill-assiguraturi u d-data dwar l-inċidenti tal-kura tas-saħħa miżmuma mill-isptarijiet u mis-servizzi tal-ambulanza jiġu kondiviżi għall-finijiet tas-sikurezza fit-toroq. Pereżempju, id-data mir-reġistraturi tad-data elettronika tal-vetturi hija aċċessibbli biss għal finijiet ta' riċerka speċifiċi, bħar-riċerka dwar avvenimenti fis-sekondi ta' qabel ħabta speċifika iżda ma tkunx disponibbli f'forma diżaggregata biex tgħin tinforma t-tfassil tal-politika.

6. KONSEGWENZI EKONOMIĊI TAN-NUQQAS TA' INDIRIZZAR TAS-SIKUREZZA FIT-TOROQ

Il-ħabtiet fit-toroq jimponu piż soċjali, ekonomiku u tas-saħħa enormi fuq l-ekonomija tal-UE. Il-kostijiet soċjoekonomiċi esterni ta' korrimenti fatali, serji u minuri huma stmati li huma madwar 2 % tal-PDG tal-pajjiżi tal-UE⁵³. Dawn il-kostijiet baqgħu għoljin b'mod persistenti minkejja l-progress li sar fit-tnaqqis tal-frekwenza u tas-severità tal-ħabtiet. It-tnaqqis bin-nofs tal-imwiet fit-toroq sal-2030 (meta mqabbla mal-2019) jipprevjeni madwar 11 000 fatalità u jgħin biex jitnaqqsu madwar 100 000 korriment serju fit-toroq tagħna kull sena.

Il-kostijiet tal-kura tas-saħħa u tar-riabilitazzjoni jikkostitwixxu l-aktar impatt ekonomiku immedjat u viżibbli. Il-kostijiet tas-servizzi mediċi ta' emerġenza, ir-rikoveru fi sptar, ir-riabilitazzjoni, u l-kura fit-tul għall-vittmi ta' ħabtiet ipoġġu pressjoni fuq il-baġits tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri⁵⁴. Barra minn hekk, ir-rata ta' korrimenti serji qed tonqos b'pass aktar bil-mod minn dik tal-fatalitajiet. Il-kostijiet tat-trattament tal-impatti tas-saħħa mentali fuq is-superstiti f'ħabtiet, il-familji tagħhom u x-xhieda jżidu piż ekonomiku ulterjuri⁵⁵.

It-telf tal-**produttività u tal-output ekonomiku** jikkostitwixxu t-tieni komponent ewlieni tal-impatt ta' ħabta. Kull mewt fit-triq tfisser deċennji ta' ħajja mitlufa, kemm fid-dar kif ukoll fuq ix-xogħol, filwaqt li korrimenti serji spiss jirriżultaw f'diżabbiltà permanenti jew f'kapaċità mnaqqsa għax-xogħol. It-telf fil-produttività huwa r-riżultat ta' tnaqqis fil-ħin tax-xogħol u kostijiet għas-sostituzzjoni tal-kapital uman, iżda wkoll

⁵² [Ir-Regolament - 2024/2847 - MT - EUR-Lex](#)

⁵³ Il-Kummissjoni Ewropea, Handbook on the external costs of transport, Verżjoni 2019 (il-verżjoni l-ġdid għadha se toħroġ).

⁵⁴ Ara: Study to Support Assessment of the EU Road Safety Policy Framework 2021-2030 At the Mid-Point <https://data.europa.eu/doi/10.2832/2974277>; <https://op.europa.eu/mt/>

⁵⁵ Bħala eżempju, il-proġett IMPROVA ffinanzjat minn Orizzont Ewropa wettaq rieżami sistemiku ta' aktar minn 1 400 studju dwar l-effetti psikoloġiċi ta' ħabtiet fit-toroq u sab firxa ta' konsegwenzi fit-tul inklużi disturbi relatati mal-istress (bħal disturb minn stress posttraumatiku u disturbi ta' aġġustament), disturbi ta' ansjetà u fobji, disturbi affettivi fil-burdata (bħal dipressjoni) u disturbi oħra fil-funzjonament.

riżultat tal-fatt li l-individwi milquta ma jkunux jistgħu jwettqu xogħol mhux imħallas bħal faċendi tad-dar jew volontarjat.

Il-kostijiet tal-infrastruttura u tar-rispons ta' emerġenza jinkludu l-iskjerament tas-servizzi ta' emerġenza, il-ġestjoni tat-traffiku waqt it-tneħħija tal-inċident, il-ħsara lill-proprietà, u t-tiswija jew is-sostituzzjoni tal-vetturi. Dawn il-kostijiet diretti qed jiżdedu hekk kif il-vetturi u l-infrastruttura tat-toroq isiru aktar teknoloġikament sofistikati u għalhekk aktar għaljin biex jissewwew jew jiġu sostitwiti.

Il-kostijiet amministrattivi jirriżultaw mill-ispiża tal-iskjerament tal-pulizija, tas-servizz kontra n-nar u servizzi ta' emerġenza (mhux medika) oħra fuq il-post tal-ħabtiet. Hemm ukoll kostijiet ulterjuri assoċjati mal-amministrazzjoni tal-ġustizzja bħall-kostijiet legali, il-kostijiet tal-prosekuzzjoni tat-trasgressuri u l-kostijiet tal-kawżi u tal-assigurazzjoni.

Minbarra l-kostijiet diretti, il-ħabtiet fit-toroq jiġġeneraw impatti ekonomiċi indiretti sinifikanti. Eżempji jinkludu ż-żmien mitluf u ż-żieda fil-konsum tal-fjuwil iġġenerati mill-**konġestjoni tat-traffiku** kkawżata minn ħabtiet.

7. ĦTIĠIJET TA' INVESTIMENT

L-isfruttar tal-benefiċċju ekonomiku potenzjali mill-prevenzjoni tal-ħabtiet fit-toroq jirrikjedi li jsiru investimenti sostanzjali iżda kosteffettivi. Il-finanzjament koordinat fil-livelli kollha tal-gvern huwa meħtieġ biex jiġi stabbilit titjib fl-infrastruttura, infurzar imsaħħaħ, teknoloġiji tas-sikurezza tal-vetturi u programmi ta' edukazzjoni.

Madankollu, ir-riċerka turi li r-redditu ekonomiku fuq dawn l-investimenti jaqbeż b'mod sinifikanti l-kostijiet, u b'hekk it-titjib tas-sikurezza fit-toroq isir waħda mill-aktar miżuri ta' politika pubblika kosteffettivi disponibbli⁵⁶. L-argument ekonomiku għal azzjoni aċċellerata dwar is-sikurezza fit-toroq huwa konvinċenti, bil-kostijiet ta' nuqqas ta' azzjoni li jaqbżu bil-kbir l-investment meħtieġ għal azzjoni effettiva.

Fir-rapport speċjali tagħha tal-2024, il-QEA nnotat li s-sikurezza fit-toroq spiss ma kinitx kriterju ewlieni għall-għażla tal-proġetti infrastrutturali kofinanzjati mill-UE; il-kriterji għall-għażla spiss injoraw partijiet tat-toroq b'rati għoljin ta' inċidenti. Il-QEA rrakkomandat prijoritizzazzjoni aktar ċara sabiex l-isforzi futuri ta' finanzjament jiffokaw fuq daww il-miżuri li x'aktarx inaqqsu l-fatalitajiet u l-korrimenti serji.

Minbarra l-ħtieġa ta' investment f'infrastruttura tat-toroq ġdida u mfassla mill-ġdid, il-finanzjament irid jiġi allokat ukoll għall-manutenzjoni ta' dik l-infrastruttura tat-toroq. Mhux biss hemm aktar vetturi ġodda fit-toroq tal-UE – mill-2019 kien hemm żieda ta' kważi 5 miljun karozza tal-passiġġieri u ta' aktar minn 270 000 trakk⁵⁷ – iżda l-impatt tat-tibdil fil-klima jidher fil-frekwenza u fl-intensità akbar tan-nirien, tal-maltempati u tal-għargħar, li kollha għandhom impatt fuq l-integrità tat-toroq u fuq is-sikurezza fit-toroq. Kunsiderazzjoni ulterjuri hija l-ħtieġa dejjem akbar li jiġu ffaċilitati r-rekwiżiti tal-

⁵⁶ Studju reċenti fin-Netherlands (<https://swov.nl/nl/publicatie/verkeersveiligheidseffecten-van-2e-tranchemaatregelen>) stima li l-proporzjon kostijiet-benefiċċji fl-investimenti nazzjonali fl-infrastruttura tat-toroq kien bejn 1:7 u 1:2,5. Rapport aktar qadim li ħareġ mill-Konferenza tad-Diretturi Ewropej tat-Toroq ġabar fil-qosor il-proporzjonijiet kostijiet-benefiċċji għal firxa ta' miżuri tas-sikurezza fit-toroq: https://www.cedr.eu/download/Publications/2008/e_Road_Safety_Investments_Report.pdf.

⁵⁷ <https://www.acea.auto/publication/report-vehicles-on-european-roads-2025/>.

mobbiltà militari u tal-użu doppju madwar l-UE, li jirrikjedu aġġornamenti għal partijiet magħżula tal-infrastruttura tat-toroq (inklużi t-toroq, il-pontijiet u l-mini) biex jiġu żgurati r-robustezza strutturali u r-reżiljenza operazzjonali. Tali titjib għandu jitfassal biex jiġi evitat il-ħolqien ta' konġestjonijiet ġodda, u biex tinżamm il-funzjonalità taħt tagħbijiet akbar u kundizzjonijiet ta' stress (eż. żieda fil-flussi ta' vetturi tqal, riprogrammar tar-rotot meta jkun hemm inċident).

Il-fatturi ta' riskju u l-isfidi fit-toroq jenfasizzaw ukoll il-ħtieġa kontinwa li jsir investiment fil-kapaċitajiet ta' detezzjoni u ta' infurzar għal sewqan b'veloċità eċċessiva, sewqan taħt l-influwenza tax-xorb u tad-droga, distrazzjoni, nuqqas ta' osservanza tad-dwal ħomor u nuqqas ta' lbies taċ-ċinturin tas-sigurtà. Dawn l-investimenti jeħtieġ li jiżguraw allokkazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti tas-servizzi tal-pulizija biex iħaddmu u jamministraw il-kontrolli fit-triq u jridu jappoġġaw sistemi awtomatizzati ta' detezzjoni u ta' infurzar ibbażati fuq il-kameras.

L-infurzar għandu jkun akkumpanjat minn finanzjament ta' kampanji effettivi ta' sensibilizzazzjoni u edukazzjoni dwar is-sikurezza fit-toroq. Tali kampanji jeħtieġ li jitfasslu għal diversi udjenzi fil-mira (tfal, adolexxenti, sewwieqa studenti u novizzi, sewwieqa b'aktar esperjenza u utenti oħra tat-triq bħal ċiklisti u dawk li jużaw apparati ta' mobbiltà personali) u għal gruppi ta' riskju differenti bħall-irġiel żgħażaġh, il-persuni akbar fl-età u l-motoċiklisti. Dawn jitwettqu l-aħjar fil-livell nazzjonali jew regionalni, iżda l-awtoritajiet tal-Istati Membri talbu lill-UE tappoġġa t-tnejn u l-eżekuzzjoni ta' tali kampanji⁵⁸ u tiffaċilita bl-iskambji tal-aħjar prattika⁵⁹.

8. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Dan ir-rapport ta' nofs it-terminu jiżvela l-ħtieġa ta' azzjoni aċċellerata u mmirata fuq diversi fronti. Il-Kummissjoni identifikat serje ta' prijoritajiet għal-livelli rilevanti kollha ta' governanza (UE u nazzjonali), billi segwiet azzjonijiet eżistenti jew ġodda li jirrikjedu attenzjoni immedjata, impenn sostnut u finanzjament dedikat mill-partijiet ikkonċernati kollha.

8.1. AĊĊELLERAZZJONI TAT-TITJIB FIS-SIKUREZZA TAL-INFRASTRUTTURA U VARAR TA' SISTEMI TA' TRASPORT INTELLIĠENTI

L-isfida kontinwa biex jitnaqqsu l-imwiet fit-toroq u l-korrimenti serji titlob investiment prijoritizzat fit-titjib tal-infrastruttura tat-toroq.

Il-Kummissjoni bħalissa qed tfassal gwida għall-awtoritajiet responsabbli għall-infrastruttura tat-toroq dwar id-disinn ta' "għub tat-triq li jaħfru (forgiving roadsides)", "toroq 'awtoevidenti' (self-explaining) u 'self-enforcing' (li jgħinu lis-sewwieq awtomatikament fis-sikurezza tat-toroq)" u r-rekwiżiti ta' kwalità għall-infrastruttura tat-toroq għall-utenti vulnerabbli tat-triq. Din il-gwida se tiġi ppubblikata fl-2026.

⁵⁸ Pereżempju, l-UE kkofinanzjat, permezz tal-Erasmus+, il-programm "Knights for Road Safety" tal-edukazzjoni dwar is-sikurezza fit-toroq għat-tfal tal-iskola.

⁵⁹ Il-kampanji ta' edukazzjoni dwar is-sikurezza fit-toroq jiġu ppreżentati ta' spiss fil-Premijiet annwali tal-Eċċellenza tal-UE fis-Sikurezza fit-Toroq.

Ir-Regolament TEN-T⁶⁰ ġie aġġornat ukoll fl-2024 biex jinkludi rekwiżiti ġodda tas-sikurezza għan-network Ewropew. Il-pjanijiet ta' mobilità urbana sostenibbli (SUMPs, Sustainable Urban Mobility Plans) issa jridu jindirizzaw ukoll kwistjonijiet ta' sikurezza fit-toroq u l-Istati Membri huma meħtieġa jiġbru data dwar is-sikurezza għal kull nodu urban. L-ippjanar tal-infrastruttura jrid jissodisfa l-ħtiġijiet operazzjonali, inkluża s-sikurezza.

Il-Kummissjoni timpenja ruħha li:

- tkompli tappoġġa lill-Istati Membri biex jittrattaw il-kwistjonijiet identifikati fir-rapporti tal-pajjiżi dwar is-sikurezza fit-toroq (ma' dan ir-rapport), inkluż meta tali appoġġ jiġi identifikat mill-Istati Membri fil-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tagħhom għall-investment u r-riformi għall-perjodu ta' finanzjament 2028-2034;
- tagħmel l-investimenti fl-infrastruttura tat-toroq fl-UE kundizzjonali fuq l-inklużjoni ta' elementi tas-sikurezza fit-toroq f'dawk il-partijiet tat-toroq li għandhom l-akbar potenzjal ta' titjib fis-sikurezza⁶¹ u fejn azzjoni mmirata tista' twassal l-aktar titjib⁶², inkluż għall-utenti vulnerabbli tat-triq;
- tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni, fl-investimenti fit-toroq tagħhom, tal-gwida li jmiss tal-2026 dwar id-disinn tal-ġnub tat-toroq li jaħfru, tat-toroq awtoevidenti u self-enforcing u tal-infrastruttura għall-utenti vulnerabbli tat-triq;
- tappoġġa lill-Istati Membri fl-inkorporazzjoni tar-rekwiżiti tas-sikurezza fit-toroq, tar-reżiljenza u tal-operabbiltà fil-proġetti ta' manutenzjoni u ta' aġġornament tat-toroq imwettqa biex jiffaċilitaw il-mobbiltà militari jew l-użu doppju, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw il-konġestjonijiet bħal pontijiet u mini, inkluż permezz ta' gwida dwar id-disinn; għal dan il-għan, il-proċeduri tas-sikurezza fit-toroq stabbiliti fid-Direttiva 2008/96/KE għandhom jitqiesu għall-partijiet tat-toroq li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha iżda li huma rilevanti għall-mobbiltà militari;
- tappoġġa l-forniment ta' firxa usa' ta' informazzjoni minima universali dwar it-traffiku relatata mas-sikurezza fit-toroq mingħajr ħlas lill-utenti, possibbilment inklużi eventi bħal "tmim il-kju" jew "vetturi ta' emerġenza li jkunu qed joqorbu" f'network ġeografiku estiż; għal dan il-għan, hija ppjanata reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kurrenti⁶³ skont id-Direttiva dwar is-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (STI)⁶⁴;

⁶⁰ Ir-Regolament (UE) 2024/1679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013.

⁶¹ Abbażi tad-Direttiva RISM, l-Artikolu 5, l-Artikolu 6(a) u 6(d), li tistabbilixxi l-mappa tal-UE tal-klassifikazzjoni tar-riskju tat-toroq li tkopri n-Network tat-Toroq TEN-T, l-awtostradi kollha, it-toroq primarji kollha li jgħaqqdu bliet jew reġjuni ewlenin u t-toroq interurbani ffinanzjati mill-UE kollha.

⁶² Għandha tingħata prijorità lill-partijiet tat-toroq l-aktar problematiċi identifikati fin-"Network Wide Road Safety Assessment [Methodology](#) and Implementation Handbook" (il-Kummissjoni Ewropea, 2023), jew f'konformità mal-metodoloġiji nazzjonali li jikkonformaw mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/96/KE (id-Direttiva RISM).

⁶³ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 886/2013 tal-15 ta' Mejju 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data u l-proċeduri għall-

- tappoġġa aktar lill-Istati Membri fl-introduzzjoni ta' ġestjoni mtejba tat-traffiku u soluzzjonijiet intelliġenti ta' infurzar⁶⁵;
- tikkunsidra kif l-aħjar li tippromwovi l-użu ulterjuri ta' sistemi tat-trasport intelliġenti kooperattivi (C-ITS, Cooperative Intelligent Transport Systems), inkluż permezz ta' speċifikazzjonijiet tekniċi;
- toħroġ dokument ta' gwida għall-Istati Membri dwar il-kontinwità tas-servizz tal-eCall għal vetturi mġhamra bl-eCall 2G/3G, inkluż dwar għodod regolatorji possibbli fil-livell nazzjonali biex jinżamm tal-inqas network wieħed kommutat biċ-ċirkwit sal-2030.

8.2. TISĦIĦ TAL-INFURZAR U TAD-DETERRENZA

L-effettività tal-miżuri tas-sikurezza fit-toroq tiddependi b'mod kritiku fuq infurzar konsistenti u viżibbli.

Il-Kummissjoni se:

- tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' strateġiji ta' infurzar robusti biex jiġu indirizzati l-isfidi persistenti tas-sewqan b'veloċità eċċessiva, tas-sewqan taħt l-influenza tax-xorb, u tad-distrazzjoni billi taqşam l-aħjar prattiki permezz ta' inizjattivi u gruppi bħall-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Sikurezza fit-Toroq, il-programm ta' Skambju tas-Sikurezza fit-Toroq, il-Karta Ewropea dwar is-Sikurezza fit-Toroq u l-grupp ta' esperti CARE. Dan jinkludi l-użu ta' teknoloġiji ta' infurzar awtomatizzati, u l-forniment ta' riċerka bbażata fuq l-evidenza dwar approċċi ta' suċċess;
- tkompli tippermetti kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet tal-liċenzji tas-sewqan u tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, inkluż permezz tal-użu ta' għodod tal-IT bħal MoveHub;
- tagħmel l-assistenza reċiproka fl-infurzar ta' reati relatati mas-sikurezza fit-toroq aktar effettiva bi proċeduri definiti aħjar u tipprovdi appoġġ finanzjarju għal dak il-għan;
- toħroġ gwida għall-Istati Membri dwar il-ġestjoni tal-veloċità.

8.3. AVVANZ FIT-TEKNOLOĠIJI TAS-SIKUREZZA TAL-VETTURI

Filwaqt li tibni fuq deċennji ta' regolamentazzjoni dwar is-sikurezza tal-vetturi, l-aktar reċenti r-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Vetturi⁶⁶, il-Kummissjoni se:

- taħdem biex taċċellera l-varar ta' sistemi avvanzati ta' sikurezza u tappoġġa t-tranżizzjoni lejn vetturi konnessi u awtonomi;

forniment, fejn possibbli, ta' informazzjoni minima universali dwar it-traffiku stradali marbuta mas-sikurezza b'xejn lill-utenti.

⁶⁴ [Id-Direttiva \(UE\) 2023/2661 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li temenda d-Direttiva 2010/40/UE dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport.](#)

⁶⁵ https://transport.ec.europa.eu/transport-themes/urban-transport/expert-group-urban-mobility_en

⁶⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/2144

- twestaq evalwazzjoni tal-miżuri ta' sikurezza tar-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Vetturi fl-2027.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tiffaċilita l-ħolqien ta' pjattaformi ta' ttestjar transfruntieri, li jippermettu l-użu minn qabel il-varar fuq skala kbira ta' vetturi awtonomi għat-trasport kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija taħt skema unika transfruntiera ta' għoti tal-permessi. Dawn il-pjattaformi ta' ttestjar, għandhom jgħinu fit-tnejja tas-suq u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' vetturi awtonomi u jidentifikaw karatteristiċi li jista' jkollhom b'zonn jiġu rfinati għal finijiet ta' sikurezza. Din l-inizjattiva se tippermetti lill-Istati Membri jkomplu jintroduċu infrastruttura konnessa (inklużi sistemi tat-trasport intelliġenti kooperattivi (C-ITS)) biex jaqsmu d-data b'mod aktar rapidu bejn il-vetturi u l-infrastruttura, u b'hekk tkompli tittiejeb is-sikurezza fit-toroq.

8.4. FOROM ĠODDA TA' MOBBILTÀ

Filwaqt li tibni fuq studju⁶⁷ li jeżamina l-isfidi u l-opportunitajiet assoċjati mar-regolamentazzjoni tal-apparati ta' mobbiltà personali, il-Kummissjoni timpenja ruħha li:

- Tislet konklużjonijiet dwar il-benefiċċji potenzjali tal-armonizzazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-apparati ta' mobbiltà personali⁶⁸.
- tnejja gwida għall-Istati Membri u għall-amministrazzjonijiet reġjonali u lokali dwar liema kwistjonijiet għandhom jitqiesu biex tiġi żgurata s-sikurezza tas-sewwieqa u ta' utenti oħra tat-triq waqt l-użu ta' apparati ta' mobbiltà personali; din se tespandi fuq il-gwida stabbilita fil-Gwida dwar is-Suġġett tas-SUMP tal-2021 dwar l-Użu Sikur tal-Mikromobbiltà⁶⁹.

8.5. INIZJATTIVI TA' RIĊERKA U INNOVAZZJONI

Il-programm kurrenti Orizzont Ewropa 2021-2027 se jkompli jagħti prijorità lir-riċerka u l-innovazzjoni dwar is-sikurezza fit-toroq, b'enfasi partikolari fuq il-fehim u l-indirizzar tal-isfidi emerġenti. L-oqsma ta' riċerka ta' prijorità jinkludu s-sikurezza fit-toroq u r-reżiljenza tat-toroq f'żoni rurali, is-sikurezza tal-utenti vulnerabbli tat-triq bħall-persuni bil-mixi, iċ-ċiklisti u l-utenti ta' apparati ta' mikromobbiltà, u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u tal-big data biex jiġu mbassra u evitati l-ħabtiet fit-toroq.

Il-Kummissjoni se tappoġġa wkoll l-innovazzjoni fit-teknoloġiji tas-sikurezza tal-vetturi, inklużi l-interfaċċi bejn il-bniedem u t-teknoloġija fis-sistemi tal-vetturi. Se tkompli ttejjeg il-kollaborazzjoni bejn il-manifatturi tal-karozzi, il-kumpaniji tat-teknoloġija, u l-istituzzjonijiet tar-riċerka permezz tas-sħubija għal mobbiltà konnessa, kooperattiva u awtomatizzata (Sħubija CCAM, Partnership for Connected, Cooperative and Automated Mobility).

⁶⁷ Study on the need for harmonised rules to support the rise of micro mobility and increased road safety for personal mobility devices – Rapport finali (1.0), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024 <https://data.europa.eu/doi/10.2873/8572224>.

⁶⁸ Kif mitlub mill-Ministri tat-Trasport fil-laqgħa tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija f'Diċembru 2025.

⁶⁹ https://urban-mobility-observatory.transport.ec.europa.eu/sustainable-urban-mobility-plans/expert-corner-sump-reference-materials_en.

8.6. EDUKAZZJONI U SENSIBILIZZAZZJONI

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-iskambji tal-aħjar prattika dwar l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar is-sikurezza fit-toroq, b'mod partikolari permezz tal-Karta Ewropea dwar is-Sikurezza fit-Toroq⁷⁰, l-Iskambju tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq u l-konferenzi biennali tagħha.

Il-Kummissjoni se tfittex ukoll li tinkorpora l-edukazzjoni dwar is-sikurezza fit-toroq u s-sensibilizzazzjoni fi strumenti oħra ta' finanzjament u sensibilizzazzjoni tal-UE, inkluż fl-Erasmus+ u meta identifikati mill-Istati Membri fil-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tagħhom għall-perjodu ta' finanzjament 2028-2034, b'mod partikolari fir-rigward tal-mobbiltà urbana u rurali.

8.7. IR-RWOL TAS-SETTUR PRIVAT U TAL-IMPJEGATURI FIS-SIKUREZZA FIT-TOROQ

Il-Kummissjoni se tistieden lill-impjegaturi kemm tas-settur privat kif ukoll dak pubbliku biex jadottaw politiki korporattivi li jagħtu prijorità lis-sikurezza fl-operazzjonijiet tan-negozju. Dawn jistgħu jiġu mmudellati skont ir-rakkomandazzjonijiet mill-grupp ta' esperti akkademiċi għar-Raba' Konferenza Ministerjali Globali dwar is-Sikurezza fit-Toroq⁷¹ li saret f'Marrakech, il-Marokk, f'April 2025.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jinkludu li jiġi żgurat li s-sikurezza fit-toroq tkun inkluża fir-regolamenti u l-prattiki tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, bl-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet governattivi jkunu minn ta' quddiem. Dan jista' jinkiseb bl-implimentazzjoni ta' kultura ta' sikurezza bejn l-organizzazzjonijiet u bl-applikazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni tas-sikurezza bħall-ISO 45001 jew l-ISO 39001.

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi l-gruppi li jippromwovu s-sikurezza fit-toroq, l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet professjonali ta' appoġġ għall-vittmi, għandhom rwoli kruċjali fis-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, fl-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika, u fil-forniment ta' servizzi lill-vittmi ta' ħabtiet u l-familji tagħhom.

Il-Kummissjoni se tkompli tinsisti għal tali involviment tas-setturi privati u terzi fis-sikurezza fit-toroq, inkluż permezz ta': il-konferenzi biennali tagħha, il-Karta Ewropea dwar is-Sikurezza fit-Toroq u l-Premjijiet annwali tal-Eċċellenza tal-UE fis-Sikurezza fit-Toroq⁷².

8.8. MONITORAĠĠ U AKKONTABBILTÀ

Il-Kummissjoni se tkompli toffri mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' akkontabbiltà lill-prattikanti tas-sikurezza fit-toroq biex imexxu l-progress lejn l-għanijiet tal-2030 u fl-aħħar mill-aħħar biex jilhqnu l-Viżjoni Żero sal-2050. Dan se jinkiseb permezz ta':

⁷⁰ <https://road-safety-charter.ec.europa.eu/>.

⁷¹ Saving Lives Beyond 2025: Taking Further Steps: Rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti Akkademiċi għar-Raba' Konferenza Ministerjali Globali dwar is-Sikurezza fit-Toroq, l-Amministrazzjoni Żvediża tat-Trasport, 2025.

⁷² <https://road-safety-charter.ec.europa.eu/content/excellence-road-safety-awards>.

- il-bażi tad-data CARE u l-grupp ta' esperti biex tinġabar data dwar il-fatalitajiet u l-korrimenti fit-toroq bl-użu ta' għodod ta' rapportar standardizzati, u permezz ta' ħidma mal-Istati Membri dwar it-tiżni tal-kwalità tad-data miġbura dwar il-korrimenti serji u dwar id-diżaggregazzjoni tad-data għal ċerti tipi ta' vetturi;
- l-Osservatorju Ewropew għas-Sikurezza tat-Triq⁷³ u l-pubblikazzjoni ta' data affidabbli u komparabbli dwar il-ħabriet fit-toroq u analiżi fil-fond u informazzjoni dwar ix-xejriet, il-prattiki u l-politiki tas-sikurezza fit-toroq fl-UE.

8.9. INDIRIZZAR TA' KWISTJONIJIET TA' GOVERNANZA

L-iskambji kontinwi tal-aħjar Prattika fost l-Istati Membri u segwitu xieraq dwar kwistjonijiet imqajma permezz tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Sikurezza fit-Toroq, iffaċilitati mill-Kummissjoni, huma mistennija li jwasslu għal aktar tiġib.

L-indirizzar ta' sfidi ġodda jista' jsir permezz tal-approvazzjoni tat-tip, ta' miżuri nazzjonali jew ta' leġislazzjoni tal-UE. Il-bini ta' infrastruttura aħjar jiddependi l-aktar fuq il-finanzjament nazzjonali u s-sikurezza fit-toroq trid tikkompeti ma' prijoritajiet politiċi nazzjonali oħra. L-edukazzjoni u l-infurzar se jibqgħu responsabbiltà nazzjonali, soġġetti għal allokkazzjonijiet tar-riżorsi u rieda politika. Bid-dħul fis-seħħ tal-pakkett leġislattiv reċenti tal-UE dwar is-sikurezza fit-toroq⁷⁴ u soġġett għall-eżitu dwar il-proposti tal-affidabbiltà stradali, ġew aġġornati l-miżuri relatati mas-sikurezza fit-toroq li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UE. B'mod ġenerali, il-progress x'aktarx li jkun stabbli, iżda inkrementali u li jiddependi ħafna fuq ir-rieda politika.

Fl-istess ħin, l-ekosistema tal-partijiet ikkonċernati tas-sikurezza fit-toroq tal-UE ma hijiex stabbilita biex tisfrutta l-benefiċċji potenzjalment sinifikanti għas-sikurezza fit-toroq li l-avvanzi fit-teknoloġiji tal-awtomatizzazzjoni tal-vetturi jwiegħdu. Għalkemm il-pjan ta' azzjoni għas-settur awtomobilistiku⁷⁵ jidentifika dan il-qasam bħala komponent kruċjali tal-aġenda tal-kompetittività futura tal-UE, il-qafas istituzzjonali lil hinn mill-provi għadu ma ġiex stabbilit. Madankollu, hemm potenzjal sinifikanti li strutturi bħal dawn jiġu ffinanzjati l-aktar permezz ta' tariffi tal-utenti.

Meta ssir riflessjoni fuq kwistjonijiet ta' governanza, għandhom jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet ta' kurituri u nodi transfruntieri strateġiċi, inklużi dawk li jaqdu funzjonijiet b'użu doppju. Dan jinkludi li tiġi żgurata l-koerenza bejn is-sikurezza fit-toroq, l-implimentazzjoni ta' TEN-T, iċ-ċibersigurtà u l-kunsiderazzjonijiet tar-reżiljenza.

Il-Kummissjoni timpenja ruħha li:

⁷³ https://road-safety.transport.ec.europa.eu/european-road-safety-observatory_en.

⁷⁴ Dan kien jinkludi tliet direttivi: [Id-Direttiva \(UE\) 2025/2205 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2025 dwar il-liċenzji tas-sewqan](#); [Id-Direttiva \(UE\) 2025/2206 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2025 li temenda d-Direttiva \(UE\) 2025/2205 dwar ċerti skwalifiki mis-sewqan](#); [Id-Direttiva \(UE\) 2024/3237 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 li temenda d-Direttiva \(UE\) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju transfruntieri ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq](#).

⁷⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew, COM/2025/95 final tal-5 ta' Marzu 2025, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025DC0095>.

- tespandi proġetti ta' bini tal-kapaċitajiet u skambji ta' prattika tajba dwar is-sikurezza fit-toroq bejn l-awtoritajiet fil-livelli kollha tal-gvern;
- tagħti feedback aktar strutturat lill-Istati Membri dwar tħassib komuni li tqajjem minnhom fil-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Sikurezza fit-Toroq;
- tirrifletti fuq il-ħtieġa ta' bidliet fl-istrutturi ta' governanza tal-UE dwar l-introduzzjoni sikura ta' vetturi konnessi u awtonomi.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex:

- jiżguraw li jkollhom stabbiliti strutturi u entitajiet ta' governanza u koordinazzjoni tas-sikurezza fit-toroq li jiffunzjonaw tajjeb;
- jallokaw finanzjament adegwat għall-programmi tas-sikurezza;
- jimpenjaw ruħhom għal monitoraġġ u rapportar regolari tal-progress.

Il-Kummissjoni tistieden lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex:

- jadottaw approċċi komprensivi għas-sikurezza fit-toroq li jintegraw is-sikurezza fl-ippjanar tal-użu tal-art u tat-trasport;
- jimplementaw strateġiji ta' ġestjoni tal-veloċità;
- jipprovdu infrastruttura adegwata għall-utenti vulnerabbli tat-triq;
- jiżviluppaw kapaċitajiet ta' rispons ta' emerġenza.

9. KONKLUŻJONI

Dan ir-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030 jiżvela realtà inkwetanti: filwaqt li sar progress, il-pass tat-titjib ma huwiex biżżejjed f'ħafna Stati Membri biex jintlaħaq l-għan tal-UE għall-2030. Iżda r-rieżami għandu wkoll xi aspetti pożittivi: jidentifika xi miżuri effettivi li jistgħu jiġu replikati jew estiżi u jirrapporta dwar l-introduzzjoni promettenti ta' teknoloġiji u metodi ġodda li jistgħu jtejbu s-sikurezza fit-toroq. Barra minn hekk, xi azzjonijiet u investimenti jieħdu ż-żmien biex ikollhom impatt u mhumiex riflessi immedjatament fid-data dwar is-sikurezza fit-toroq. Huwa importanti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jkomplu jieħdu azzjonijiet biex jiksbu effetti pożittivi kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul.

Ir-riżultati miġbura fil-qosor f'dan ir-rapport juru kemm jista' jinkiseb meta l-atturi fil-livelli kollha – minn individwi sa strutturi tat-tmexxija fil-livell tal-UE – jikkontribwixxu għall-approċċ tas-Sistema Sikura, fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom. Iżda t-tnaqqis fil-pass tal-progress lejn Viżjoni Zero – fi sfond ta' żieda fit-trafficu u xejriet soċjetali u teknoloġiċi ġodda – iqajjem dubji dwar jekk is-“sett ta' għodod” kurrenti tas-sikurezza fit-toroq huwiex adattat għall-futur.

L-analiżi turi li l-isfidi tas-sikurezza fit-toroq qed isiru aktar kumplessi, influwenzati mit-tibdil demografiku, mit-trasformazzjoni teknoloġika, mit-tibdil fil-klima u mit-tibdil fix-xejriet tal-mobbiltà li ma kinux antiċipati bis-sħiħ meta ġie żviluppat il-Qafas ta' Politika tal-UE dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030.

Madankollu, ir-rapport jiżvela wkoll opportunitajiet sinifikanti biex isir progress. L-avvanzi teknoloġiċi fis-sikurezza tal-vetturi, iż-żieda fl-għarfien dwar il-benefiċċji

ekonomiċi tal-investimenti fis-sikurezza, u enfasi politika dejjem akbar fuq il-mobbiltà sostenibbli joħolqu kundizzjonijiet favorevoli għal azzjoni aċċellerata.

Is-soluzzjoni hija li dawn l-opportunitajiet jiġu sfruttati permezz ta' sforzi koordinati, sostnuti u mgħammra b'riżorsi xierqa madwar l-UE u fl-Istati Membri fil-livelli kollha tal-gvern u tas-soċjetà. L-investimenti fis-sikurezza fit-toroq jiġġeneraw redditi sostanzjali, mhux biss fil-forma ta' kostijiet evitati iżda wkoll fi kwalità tal-ħajja mtejba u produttività ekonomika. L-argument għal azzjoni huwa konvinċenti kemm mill-perspettiva soċjali kif ukoll minn dik ekonomika.

Is-suċċess se jiddependi fuq impenn politiku mġedded, finanzjament adegwat, kooperazzjoni akbar bejn il-partijiet ikkonċernati, u rieda li jiġu adottati approċċi innovattivi għall-isfidi persistenti. Il-Kummissjoni tinsab lesta biex tappoġġa lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati f'dan l-isforz kritiku, konxja li l-ilħuq tal-Viżjoni Żero se jirrikjedi azzjoni kollettiva u responsabbiltà kondiviża.

Il-ħajjiet li jistgħu jiġu salvati, il-korrimenti li jistgħu jiġu pprevenuti, u l-benefiċċji ekonomiċi li jistgħu jintrebħu jiġġustifikaw l-isforzi sostnuti li se jkunu meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi tas-sikurezza fit-toroq tal-UE.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jilqgħu b'mod urġenti l-isfida biex jinħoloq futur fejn l-UE timxi kemm jista' jkun lejn l-ebda fatalità fit-trasport bit-triq u l-mobbiltà tkun sostenibbli u sikura. Mingħajr impenn imġedded, investiment u azzjoni fl-Istati Membri kollha u fil-livell tal-UE, dan l-isforz biex jiġu salvati l-ħajjiet fit-toroq tagħna se jibqa' sempliċi aspirazzjoni.